**Imwieġ**

Imwieġ għaddejjin minn fuqi
Ifawwru b'mod tal-għaġeb,
Kif nista'nżomm ruħi fil-wiċċ?
F'dal-fond mingħajr imqadef?

Dubju kbar telgħin ġo rasi
Fejn se naqbad nagħmel pass,
Kollox nugrufun madwari
Pressjoni miegħi tintrass.

Imma meta nibla' l-ilma
F'moħħi u f'qalbi feġġ il-ħsieb,
Li int, Mulej Alla tiegħi,
Miegħi tibqa' f'dal-inkwiet.

Għalhekk ġiet fuqi tant ħeġġa
Qalbi dlonk imtliet bil-ferħ,
Għax jekk Alla hu hawn miegħi
M'għandix l-aqwa, 'l-veru serħ?

U hekk reġa' libes fommi
It-tbissima tal-mistrieħ,
Kien il-waqt li nara l-mewġa
Imħabbet Kristu hekk qatiegħ.

Miegħi issa għandi lilu
Rasi 'l fuq jien dlonk erfajt,
Ixxabbatt u għannaqtu
Lil Ġesù li jien fih fdajt.

Kemm inħossni bniedem ieħor
Tbiegħed minni kull għelt w ħmieġ,
Nista' ngħid li sibt fi Kristu
L-aqwa għajnuna qalb l-imwieġ.

Patri Mario Attard OFM Cap
31 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.